**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgerichts München (il-Ġermanja) fl-20 ta' Lulju 2009 — Privater Rettungsdienst und Krankentransport Stadler vs Zweckverband für Rettungsdienst und Feuerwehralarmierung Passau — Intervenjenti: Malteser Hilfsdienst e.V. u Bayerisches Rotes Kreuz**

**(Kawża C-274/09)**

(2009/C 267/50)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberlandesgerichts München

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Privater Rettungsdienst und Krankentransport Stadler

*Konvenuti:* Zweckverband für Rettungsdienst und Feuerwehralarmierung Passau

*Intervenjenti:* Malteser Hilfsdienst e.V. u Bayerisches Rotes Kreuz

**Domandi preliminari**

Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 234 KE, tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej id-domandi preliminari li ġejjin sabiex tinterpreta d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi ([1]) [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, kuntratti pubbliċi għal provvisti u kuntratti pubbliċi għal servizzi]:

1) Kuntratt dwar servizzi (f'dan il-każ, servizzi ta' għajnuna tal-emerġenza) li, fid-dawl tal-kontenut tiegħu, ma jipprevedix li l-awtorità kontraenti tħallas direttament lill-kuntrattur, iżda jipprovdi li

   a) il-ħlas għall-użu ta' servizzi li għandhom jiġu pprovduti huwa stabbilit fl-ambitu ta' negozjati bejn il-kuntrattur u terzi, li huma awtoritajiet kontraenti (f'dan il-każ, l-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali),

   b) fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim, huwa previst li bord ta' arbitraġġ stabbilit għal dan il-għan jagħti deċiżjoni fuq din il-kwistjoni, liema deċiżjoni hija suġġetta għall-istħarriġ tal-qrati tal-Istat,

   ċ) il-ħlas ma jsirx direttament mill-utenti, iżda minn uffiċċju ċentrali ta' ħlas, li l-kuntrattur huwa legalment marbut li jindirizza, u li jħallsu pemezz ta' ħlasijiet akkont b'mod regolari,

   għandu jiġi kkunsidrat għal din ir-raġuni biss bħala konċessjoni ta' servizzi fis-sens tal-Artikolu 1(2)(a) u (d) tad-direttiva?

2) Jekk għall-ewwel domanda preliminari tingħata risposta negattiva, ikun każ ta' konċessjoni ta' servizzi meta r-riskju ta' operazzjoni marbuta mas-servizz pubbliku jkun limitat, minħabba li

   a) regola leġiżlattiva tipprevedi li l-ħlasijiet għall-użu tas-servizz għandhom jiġu kkalkolati fuq il-bażi tal-ispejjeż li jistgħu jiġu stmati skont il-prinċipji ta' ġestjoni tal-impriżi u li jikkorrispondu għal sevizz tajjeb, ġestjoni razzjonali u ekonomika kif ukoll organizzazzjoni effiċjenti,

   b) id-debituri tal-ħlasijiet għall-użu tas-servizz huma istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali solventi,

   ċ) ċerta esklużività tal-operazzjoni hija żgurata fil-qasam stabbilit kuntrattwalment,

   iżda l-kuntrattur jassumi bis-sħiħ dan ir-riskju limitat?

---

([1]) ĠU L 134, p. 114.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (Il-Belġju) fil-21 ta' Lulju 2009 — Brussels Hoofdstedelijk Gewest et vs Vlaamse Gewest. Intervenjenti: Brussels International Airport Company NV, li issa saret The Brussels Airport Company NV**

**(Kawża C-275/09)**

(2009/C 267/51)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Raad van State

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Brussels Hoofdstedelijk Gewest *et*

*Konvenut:* Vlaamse Gewest

*Intervenjenti:* Brussels International Airport Company NV, li issa saret The Brussels Airport Company NV

**Domandi preliminari**

1) Meta permessi differenti għal żvilupp huma meħtieġa, minn naħa, għal xogħlijiet infrastrutturali ta' ajruport b'tul bażiku tar-runway ta' 2 100 metru jew iktar, u, min-naħa l-oħra, għat-tħaddim ta' dan l-ajruport, u dan il-permess ta' żvilupp tal-aħħar — il-permess ambjentali — jingħata biss għal perijodu speċifikat, it-terminu "bini", imsemmi fil-paragrafu 7(a) tal-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE [1] tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 97/11/KE tat-3 ta' Marzu 1997 għandu jiġi interpretat li għandha ssir stima tal-impatt ambjentali mhux biss sabiex isiru x-xogħlijiet ta' infrastruttura iżda wkoll għat-tħaddim tal-ajruport?

2) Din l-istima obbligatorja tal-impatt ambjentali hija meħtieġa wkoll għat-tiġdid tal-permess ambjentali għall-ajruport, kemm fil-każ fejn dan it-tiġdid ma jinkludix xi bidla jew estensjoni għat-tħaddim tal-ajruport u kif ukoll fejn tali bidla jew estensjoni hija fil-fatt maħsuba?

3) Jagħmel differenza għall-istima obbligatorja tal-impatt ambjentali fil-kuntest tat-tiġdid ta' permess ambjentali għal ajruport jekk stima tal-impatt ambjentali tkunx saret qabel, fir-rigward ta' permess preċedenti għat-tħaddim tal-ajruport, u jekk l-ajruport kienx diġà qed jitħaddem fiż-żmien meta l-istima tal-impatt ambjentali ġiet imdaħħla mil-leġiżlatur Ewropew jew minn dak nazzjonali?

[1] ĠU L 175, p. 40.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court of Justice (Chancery Division) (England and Wales) fl-20 ta' Lulju 2009 — T-Mobile (UK) Ltd vs The Commissioners for her Majesty's Revenue & Customs**

**(Kawża C-276/09)**

(2009/C 267/52)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

High Court of Justice (Chancery Division) (England and Wales)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* T-Mobile (UK) Ltd

*Konvenuta:* The Commissioners for her Majesty's Revenue & Customs.

**Domandi preliminari**

1) Liema huma l-karatteristiċi ta' servizz eżentat li għandu "l-effett li jitrasferixxi fondi u li jinvolvi tibdiliet fis-sitwazzjoni legali u finanzjarja"?

B'mod partikolari:

a) L-eżenzjoni tapplika għal servizzi li inkella ma kinux jingħataw minn ebda waħda mill-istituzzjonijiet finanzjarji li (i) jiddebitaw kont wieħed u (ii) jikkreditaw kont ieħor b'ammont korrispondenti, jew (iii) iwettqu attività intermedjarja bejn (i) jew (ii)?

b) L-eżenzjoni tapplika għal servizzi li ma jinkludux it-twettiq ta' attivitajiet li jikkonsistu fid-debitu ta' kont u l-kreditu ta' kont f'ammont korrispondenti, iżda li, meta jseħħ trasferiment ta' fondi, jista', b'ħarsa lura, jitqies bħala li kien il-kawża ta' dak it-trasferiment?

2) L-eżenzjoni fl-Artikolu 13B(d)(3) tas-Sitt Direttiva [1] għal "tranżazzjonij[i]et […] li jikkonċerna[w] […] pagamenti, [jew] trasferimenti" japplikaw għal servizz ta' kisba u pproċessar ta' pagamenti permezz ta' karti ta' kreditu u ta' debitu, bħal dawk imwettqa mill-persuna taxxabbli f'din il-kawża? B'mod partikolari, meta t-trażmissjoni, mill-persuna taxxabbli, tal-fajls ta' saldu fl-aħħar ta' kull ġurnata jkollha l-effett li awtomatikament tikkawża d-debitu tal-kont tal-klijent u l-kreditu tal-kont tal-persuna taxxabbli, dawn is-servizzi jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 13B(d)(3)?

3) Ir-risposta għat-tieni domanda tiddependi fuq il-kwistjoni dwar jekk il-persuna taxxabbli nnifisha tiksibx il-kodiċijiet ta' awtorizzazzjoni għal tranżazzjoni sussegwenti jew jekk hija tiksibx dawn il-kodiċijiet permezz ta' aġenzija tal-bank akkwirenti tagħha?

4) L-eżenzjoni fl-Artikolu 13B(d)(1) tas-Sitt Direttiva għal "negozjar ta' kreditu" tapplika għal servizzi bħal dawk offruti mill-persuna taxxabbli f'din il-kawża fir-rigward ta' pagamenti magħmulin b'karti ta' kreditu, fejn minħabba dawn is-servizzi, il-kont tal-karta ta' kreditu tal-klijenti jiġi ddebitat permezz ta' ammonti supplimentari ta' kreditu?

5) L-eżenzjoni għal "tranżazzjonij[i]et […] li jikkonċerna[w] […] pagamenti, [jew] trasferimenti" tapplika għal servizzi ta' aċċettazzjoni u pproċessar ta' pagamenti li jkunu saru permezz ta' aġenti terzi, bħal dawk offruti mill-persuna taxxabbli permezz tal-Uffiċċju tal-Posta u permezz ta' PayPoint f'din il-kawża?

6) L-eżenzjoni għal "tranżazzjonij[i]et […] li jikkonċerna[w] […] pagamenti, [jew] trasferimenti" tapplika għal servizzi ta' kisba u pproċessar ta' pagamenti magħmula permezz ta' ċekk mibgħut lill-persuna taxxabbli jew lill-aġent tagħha, liema pagamenti għandhom jiġu pproċessati mill-persuna taxxabbli u l-bank tagħha?